# QORTI TA' L-APPELL

# (SEDE INFERJURI)

## IMHALLEF

## ONOR. EDWINA GRIMA LL.D.

**Seduta tat-30 ta' Settembru 2015**

**Appell Numru: 03/2013**

**JOSANNE CASSAR**

**Vs**

**STANDARD PUBLICATIONS LIMITED (C13777)**

Il-Qorti,

Rat id-decizjoni bin-numru 2251 deciza mit-Tribunal Industrijali fid-29 ta' Ottubru 2013, fejn giet ipprounzjata is-segwenti decizjoni fl-ismijiet premessi:-

*'Dan il-Kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' Dikjarazzjoni tar-rikorrenti Josanne Cassar, li gie prezentat fir-Registru tal-Qorti fis-6 ta' Ottubru 2011. Meta t-Tribunal Industrijali beda jisma' il-Kaz inkwestjoni, dehru rrikorrenti li kienet assistita mill-Avukat Claire Bonello u ghas-Socjeta ntimata deher is-Sur Noel Azzopardi li kien assistit mill-Avukat Matthew Brincat.*

*Fl'istqarrija tal-Kaz hija tghid, li kienet ilha kontinwament tahdem fix-xena gurnalistika Maltija sa mis-sena 1989 u hija kkwalifikata fil-qasam tal-Komunikazzjoni fil-livell ta' Masters. Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li mis-sena 1992 kienet tikkontribwixxi permezz ta' artikli fil-gazzetta The Malta Independent on Sunday u aktar tard kienet giet avvicinata mid-dirigenti tas-Socjeta Standard Publications, biex tkun membru fuq il-Bord Editorjali tas-Socjeta fejn kienet involuta biex taghmel analizi, monotiragg, proposti u suggerimenti sabiex il-gazzetta tkun ta' livell gholi. Aktar tard hija kienet giet avvicinata mid-diretturi tas-Socjeta, biex tibda tahdem fuq bazi ta' full-time u kienet inkarigata bhala features editor ghal gazzetta li tohrog kuljum li hija The Malta Independent Daily. Dan limpenn beda fl'1998 u damet tahdem mas-Socjeta ghal madwar 13 il-sena.*

*Fl'Istqarrija taghha ir-rikorrenti tkompli tghid, li f'Lulju 2009 hija kienet giet moghtija xoghol addizzjonali dak ta' features editor ta' gazzetta ohra li hija, The Malta Independent on Sunday, kif ukoll dak ta' Deputy Editor taz-zewg gazzetti.*

*Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li kienet l-editrici ta' rivista dwar it-tigijiet b-lisem I DO kif ukoll, ghal xi zmien kienet Editrici ta' RESIDENCE li hija wkoll revista pubblikata mis-Socjeta ntimata.*

*Fl'istqarrija taghha ir-rikorrenti tghid ukoll, li hija kienet dedikata fix-xoghol taghha tant, li kien id-Direttur stess tas-Socjeta is-Sur Noel Azzopardi li permezz ta' ittra datata 7 ta' Jannar 2009, kien fahhar ix-xoghol u l-lejalta taghha lejn is-Socjeta u ta' dan kienet giet ippremjata f'zieda fis-salarju taghha. Hija tghid ukoll, li limpenn taghha lejn is-socjeta rega gie rikonoxxut mill-istess Direttur permezz ta' korrispondenza li giet mibghuta lillha f'Awissu ta' l-istess sena.*

*Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li hi ghandha esperjenza u kwalifiki biex tghamel kemm ix-xoghol ta' features editor, kif ukoll ta' news editor. Hija tghid ukoll, li qabel ma gie mitmum l-impieg taghha is-Socjeta kellha sitt edituri u fost l-edituri li baqa kien hemm minn kellu kwalifiki u esperjenza anqas minnha kif ukoll, li kien hemm tnejn ohra li gew impjegati warajha. Fl'istqarrija taghha hija tkompli tghid, li qatt ma kellha kazijiet ta' dixxiplina fil-konfront taghha kif ukoll, li qatt ma kellha libelli ghax-xoghol li kienet ghamlet. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li fl'2009 kienet giet moghtija l-award mill-Istitut tal-Gurnalisti Maltin ghal ahjar opinjonista.*

*Fl'istqarrija taghha ir-rikorrenti tghid ukoll, li kien fit-8 ta' Gunju 2011, li hi giet imsejjha minn zewg diretturi fejn kiesah u biered kienu infurmawha, li kienu se jtemmu l-impieg taghha. Hija tghid ukoll, li ir-raguni li kienet qed tigi ssensjata kienu ghal ragunijiet ta' cost cutting. Fl'istqarrija taghha ir-rikorrenti tghid ukoll, li matul il-konversazzjoni li kellha mad-diretturi ghaddewlha xi kummenti li ttbatija taghha ma kienitx se tkun daqstant gravi peress, li ma kellix tfal u ghal dawn il-kummenti hija hassietha offiza.*

*Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li f'din il-laqgha id-diretturi kienu wkoll offrewlha li jekk tirrezenja kienu lesti li jhallsuha ghal perjodu itwal minn dak tan-notice kif ukoll, li kienet giet offruta li tkompli bhala editrici tar-rivista I DO. Ghal dawn l-offerti ir-rikorrenti talbet lid-diretturi biex dawn l-offerti jsirulha bil-miktub.*

*Sussegwentement, hija irceviet zewg ittri minghand is-Socjeta, fejn f''ittra minnhom giet infurmata li l-pozizzjoni ta' Deputy Editor kienet giet abolished u f'ittra ohra giet infurmata li s-Socjeta kienet lesta li tkompli tghatija xoghol bhala editor tar-rivista I DO, liema xoghol kienet tghamel qabel fuq bazi personali u li kienet tithallas ghalih apparti ix-xoghol ta' full time taghha dak ta' Deputy Editor.*

*Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li kellha offerta li jekk hija tirrezenja kienet ukoll tigi moghtija xi gimghat ohra oltre n-notice period li kienet intitolata ghalih skond il-ligi. Fl'istqarrija taghha hija tghid ukoll, li kienet ikkomunikat mas-Socjeta li ma kienitx accettat li tirrezenja mill-impieg pero, kienet lesta li taccetta li jekk tigi redundant tkompli tghamel ix-xoghol fuq ir-revista li kien apparti ix-xoghol ta' full time taghha jigifieri, dak li tkompli tikteb artikli kif ukoll li tkompli fir-rowl taghha ta' editrici tar-revista I DO. Ir-rikorrenti tghid ukoll, li sussegwentament hija giet infurmata li peress li ma kienitx accettat l-offerta tas-Socjeta li tirrezenja, l-istess socjeta ma kienitx accettat li ir-rikorrenti tkompli tghamel ix-xoghol fuq ir-revista I DO.*

*Ir-rikorrenti tkompli tghid fl'istqarrija tal-kaz taghha, li invista li ma ntlahaqx ftehim bejnha u s-Socjeta hija giet infurmata mill-istess socjeta, li l-impieg taghha kien se jigi tterminat fuq bazi ta' sensja. Ir-rikorrenti tkompli tghid fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li minkejja li qalulha li x-xoghol taghha kien gie abolit, dan ix-xoghol*

*ghadu jsir regolarment u qed isir kemm minn haddiema li dahlu fl'impieg warajha, kif ukoll minn haddiema ohra li huma ta' grad anqas minn taghha.*

*Ir-rikorrenti tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li ma gietx mhallsa ghax-xoghol li kienet ghamlet ghal-edizzjoni tar-revista I DO kif ukoll, li ma gietx imhallsa ghall hamest t'iiem leave li kien baqaghlha. Ir-rikorrenti tghalaq l-istqarrija tal-Kaz taghha fejn titlob lit-Tribunal Industrijali biex jiddikjara, li t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha saret bi ksur tal-ligi, kif ukoll li terga tigi moghtija l'impieg lura jew kumpess xieraq.*

*Ghas-Socjeta intimata da parti taghha qalet, li ir-rikorrenti inizjalment kienet impjegata mal-Kumpanija bhala Features Editor tal-gazzetta The Malta Independent Daily fuq kuntratt ta' impieg indefenit datat 2 ta' Novembru 1998.*

*Is-Socjeta tghid ukoll li fil-21 ta' Lulju 2009, kienet appuntat lir-rikorrenti bhala Features Editor, kif ukoll bhala Deputy Editor ghaz-zewg gazzetti mahruga mill-Kumpanija jigifieri; The Malta Independent Daily u the Malta Independent on Sunday. Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li matul dan l-ahhar zmien is-socjeta kienet ghaddejja minn certi diffikultajiet finanzjarji li kienu jirrikjedu li tghamel certu cost cutting. Invista ta' dan, wara li s-socjeta evalwat ir-rwol tar-rikorrenti hadet decizjoni biex taghmel ri-organizazzjoni b'rizultat, li x-xoghol li kienet taghmel r-rikorrenti qabel ma sar dan l-ezercizzju, gie assorbit minn nies ohra fi hdan il-kumpanija bir-rizultat li spicca ghal kollox l-bzonn ta' persuna dedikata biex taghmel ix-xoghol li kienet qed taghmel ir-rikorrenti.*

*Is-Socjeta tghid ukoll fl'istqarrija tal-Kaz taghha, li ir-rikorrenti kienet l-unika persuna fil-klassi ta' l-impieg skont t-tifsir a tal-kelma klassi fl-Att dwar l-Impjieg u r-Relazzjonijiet Industrijali u fid-dawl ta' dan, il-Kumpanija hadet decizjoni li tittermina l-impjieg tar-rikorrenti fuq bazi ta' sensja b'effett mit-8 ta' Settembru 2011, peress li kienet l-unika persuna fil-klassi jew grad inkwistjoni.*

*Mill-provi jirrizulta, li ir-rikorrenti kienet ilha mpjegata mas-Socjeta mit-2 ta' Novembru 1998 u fil-21 ta' Lulju 2009, hija kienet giet mahtura Features Editor u Deputy Editor taz-zewg gurnali li kienet tippubblika is-socjeta jigifieri; dawk ta' The Malta Independent Daily u Malta Independent. Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti matul il-hajja ta' l-impieg taghha mas-Socjeta, qatt ma kellha xi*

*kazijiet ta' dixxiplina anzi dejjem giet imfahhra ghax-xoghol li kienet taghmel ghas-Socjeta.*

*Mill-provi jirrizulta wkoll, li ir-rikorrenti barra ix-xoghol ta' full-time li kienet tghamel ghas-Socjeta, kienet ukoll involuta bhala editrici tar-revista I DO u dan ix-xoghol ma kienex parti mix-xoghol full-time taghha u kienet tithallas ghalih apparti.*

*Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li matul il-perjodu li ir-rikorrenti kienet giet iffaccjat bis-sensja, is-Socjeta kienet ghaddejja minn perjodu ta' diffikultajiet finanzjarji u ghaldaqstant, wara ezercizzju ta' ri-organiazzjoni li ghamlet, is-Socjeta waslet ghad-decizjoni, li ix-xoghol ta' features editor u Deputy Editor jigi assenjat lill diversi haddiema ta' kategoriji ohra partikularment; lil Edituri u gurnalisti u minn fost dawn il-haddiema kien hemm minn gie impjegat wara r-rikorrenti.*

*Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li ir-revista I DO ma kienitx parti mix-xoghol full-time tar-rikorrenti izda, kien xoghol apparti u li ghalih kienet tithallas apparti mis-salarju full-time tax-xoghol li kienet tghamel. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li s-Socjeta ppruvat tinnegozja mar-rikorrenti t-terminazzjoni ta' l-impieg taghha u r-rikorrenti giet offruta, li jekk tirrezenja minn jeddha kienet tigi moghtija awment finanzjaru aktar minn dak tan-notice period kif ukoll, li setghet tkompli tghamel ix-xoghol fuq ir-revista I DO. Mill-provi quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta wkoll, li invista li ir-rikorrenti ma accettatx l'offerta tas-socjeta hija giet issensjata u inghtat biss in-notice period skond il-ligi.*

*It-Tribunal Industrijali jikkunsidra diversi aspetti ta' dan il-Kaz u jibda biex jikkunsidra, li l-impieg tar-rikorrenti kellu il-gradi specifikati ta' Features Editor u Deputy Editor. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li haddiema ohra li gew impjegati wara r-rikorrenti gew impjegati f'kategoriji ohra ta' impieg, li primarjament kienu jew edituri jew gurnalisti. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li bhal kull azjenda kummercjali ohra, is-socjeta kellha dritt li thares l-interessi taghha u dan specjalment li kif gie spjegat lit-Tribunal Industrijali kienet ghaddejja minn diffikultajiet finanzjari u ghaldaqstant sabiex tissalvagwardja l-interessi ta' l-istess socjeta kellha tghamel ri-organizazzjoni biex jigu mnqassa l-*

*ispejjez taghha. F'din ir-riorganizzjoni li s-socjeta wettqet qasmet ix-xoghol li kienet tghamel ir-rikorrenti lill diversi kategoriji ta' haddiema skond il-hiliet taghhom, uhud mix-xoghol gie assenjat lill Edituri u xoghol iehor lill-gurnalisti, li huma kategoriji ta' gradi li huma kklassifikati jew gradi gholja jew gradi anqas mill-kategorija ta' grad ta' rikorrenti. F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra, li ma jirrizultalux li x-xoghol kollu tar-rikorrenti gie assensjat lill kategorija wahda ta' haddiema, imma ix-xoghol gie imqassam b'modd li diversi haddiema ziedu ftit max-xoghol taghhom sabiex is-socjeta tkun tista' tkompli tipproduci l-istess prodott bi spejjez anqas. F'dawn il-Kunsiderazzjonijet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ir-rikorrenti kienet l-unika haddiem fil-grad taghha u lanqas ma giet impjegata persuna ohra li tghamel ix-xoghol kollu li kienet tghamel ir-rikorrenti qabel, izda ix-xoghol taghha gie imqassam u jsir minn diversi kategoriji ta' haddiema ohra. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, li ix-xoghol li kienet tghamel ir-rikorrenti bhala editrici tar-rivesta I DO, kien xoghol li ma kienx jippartjeni ix-xoghol full-time taghha u ghaldaqstant dak kien arrangement separat li ir-rikorrenti kellha mas-socjeta.*

*Wara li t-Tribunal Industrijali kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet isib u jasal ghal konkluzzjoni, li it-terminazzjoni ta' l-impieg ma saritx bi ksur tal-ligi.*

*Minhabba differimenti mill-partijiet u nuqqas ta' facilitajiet ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fiz-zmien stabbilit mill-ligi.*

*Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €94 (erbgha u disghajn ewro).*

*B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.'*

Illi min din is-sentenza appellat Josanne Cassar bis-segwenti aggravji:

1. illi t-Tribunal fid-decizjoni tieghu skarta ghal kollox l-kwistjoni ta' *redundancy* allegata mis-socjeta appellata. Illi din kienet kwistjoni

krucjali li kellu jiddetermina it-Tribunal ghaliex jekk ma jirrizultax illi l-kaz kien wiehed genwin ta' *redundancy* allura t-temm ta'l-impjieg tal-appellanti kienet tkun ingusta. *Di piu'* is-socjeta appellata lanqas biss ressqet provi illi kienet qed taghmel rijorganizzazzjoni kif allegat.

2. Illi subordinatament jekk jirrizulta illi is-socjeta appellata kellha raguni tkecci lill-appellanti fuq bazi ta' *redundancy,* l-interpretazzjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali ta'l-artikolu 36(4) tal-Kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta (*last in first out principle*) kienet zbaljata u dan ghaliex il-process ta' temm ta' impjieg ma sarx skont il-ligi. It-Tribunal erronjament wasal ghad-decizjoni illi l-appellanti kienet l-uniku persuna impjegata f'dik il-klassi ta' impjieg bhala *Deputy editor* u/jew *Features Editor* billi x-xoghol taghha deskritt bhala xoghol editorjali u gurnalistiku baqa jigi ezegwiet fi hdan is-socjeta appellata minn impjegati ohra li allura ghandhom jitqiesu fl-istess klassi bhalha.

Fil-kontestazzjoni tal-lanjanzi imressqa mill-appellanti, s-socjeta appellata twieġeb billi tissolleva l-pregudizzjali dwar l-inappellabilita tas-sentenza impunjata stante illi ma hemm ebda punt ta' dritt attakkat fl-impunjattiva sollevata.

Huwa certament fl-ordni logiku-guridiku illi din il-Qorti tinvesti *in primis* il-pregudizzjali sollevata dwar l-inappellabilita` tad-decizjoni billi din jista' ikollha effett fuq l-ezitu ta' dan il-gudizzju revizorju.

Illi bhala raguni ghat-terminazzjoni ta'l-impjieg ta'l-appellanti, is-socjeta appellata tinvoka s-sitwazzjoni ta' *redundancy* u dan billi fir-rijorganizazzjoni li ghamlet minhabba problemi finanzjarji li kienet qed tiffaccja, tallega illi kellha bil-fors tittermina l-kariga li kienet tokkupa l-appellanti u ix-xoghol mghoddi

f'idejn haddiema ohra mhux impjegati fl-istess klassi ta' impjieg bhala. Illi fir-rigward ta'din il-pregudizzjali inghad:

*"Skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 82 ta' l-Att XXII ta' l-2002 (Kapitolu 452) ikun hemm dritt ta' appell fil-kazijiet kontemplati f' dik id-disposizzjoni "fuq punt ta' ligi". Ghandu jigi rilevat illi in linea generali ma hemmx bzonn li dan il-punt ta' ligi jkun gie espressament definit bis-sentenza appellata billi, a differenza ta' dak li nsibu per ezempju fl-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp (Kapitolu 356), il-ligi dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali dan ma tghidux. Huwa sufficcjenti ghalhekk li l-punt ta' ligi li fuqu jsir l-appell jirrizulta involut jew impliciter fid-decizjoni, in kwantu din tkun ittiehdet bis-sahha tal-principju interpretattiv tal-ligi li l-appellanti jikkontesta. Ara f' dan is-sens is-sentenza riportata a Vol. XL P I p 137;*

Premess il-kontenut ta' l-aggravji u tat-twegiba ghalihom, jinghad bl-ewwel osservazzjoni illi gja f'bosta sentenzi taghha din il-Qorti rravvizat illi l-punt ta' ligi li jirrendi ammissibbli l-impunjattiva tas-sentenza moghtija mit-Tribunal adit irid ikun dak ta' vjolazzjoni jew ta' applikazzjoni falza ta' punt jew ta' principju ta' dritt. Mhux bizzejjed li l-appellant jissottometti li t-Tribunal m'ghamelx stharrig adegwat tal-kawza tat-tkeccija izda l-aggravju tieghu ghandu jippostula sew l-punt tal-ligi li hu jidhirlu li gie mal-interpretat jew applikat hazin fir-rigward tal-fattispeci u ta' l-elementi tal-provi li t-Tribunal kellu quddiemu[1].

Illi minn ezami ta'l-atti johrog illi t-Tribunal wara li sema l-provi kollha tal-partijiet wasal ghal konkluzjoni illi r-rijorganizazzjoni maghmula fil-kumpanija appellata minhabba esigenzi ta' natura finanzjarja, kienet tali illi l-htiega ghal

---

[1] Ara, fost ohrajn, "**Kenneth Vella -vs- Seabank Catering Co. Ltd *et***", Appell Inferjuri, 23 ta' Mejju, 2008

kariga okkupata mil-appellanti bhala *Deputy Editor* u *Features Editor* kien intemm u li allura ix-xoghol taghha seta jigi assorbit minn impjegati ohra mal-kumpanija li kienu jokkupaw karigi differenti minnha. L-appellanti, izda targumenta illi x-xoghol li kienet taghmel hi xortawahda kien mehtieg ghall-esigenzi tal-kumpnaija u effettivament baqa' isir minn impjegati ohra u allura l-kaz taghha qatt ma seta jikkwalifika bhala wiehed ta' *redundancy*, izda kien wiehed car u tond ta' tkeccija ingusta. Inoltre parti minn dan ix-xoghol gie assenjat lill-haddiema ohra li kienu gew impjegati mis-socjeta appellata warajha u allura ma gietx irrispettata l-principju tal-*last in first out*, liema principju it-Tribunal naqas milli japplikah fid-decizjoni tieghu.

Illi in tema ta' redundancy gie deciz illi:

(1) **Hu dispost mill-Artikolu 36 (3) ta' l-Att dwar l-Impjieg u Relazzjonijiet Industrijali illi "kuntratt ta' servizz ghal zmien bla limitu jista' jintemm, bl-ghoti ta' l-avviz kif specifikat fis-subartikolu (5), mill-impjegat minghajr ma jaghti ebda raguni u mill-principal, bla hsara ghad-disposizzjoni tas-subartikolu (14), fuq bazi ta' redundancy biss";**

(2) **Ghalkemm minn certa ottika kemm l-impjegat kif ukoll min ihaddem ghandhom il-liberta` li jtemmu r-rapport tax-xoghol ghal zmien indeterminat, prevja preavviz, da parti tal-principal dan it-temm ta' l-impjieg ma jistax ikun wiehed ad nutum izda biss in relazzjoni ghal raguni ta' redundancy. Dan s' intendi dejjem bla pregudizzju ghal qaghda ta' "raguni tajba u bizzejjed" li jippreciza l-Artikolu 36 (14), fejn ukoll, a differenza ta' l-Artikolu 36 (3) riportat, ma hemmx lanqas il-htiega li jinghata preavviz;**

(3) **Terga' mid-differenza bejn is-subartikoli (3) u (14) ta' l-Artikolu 36 tohrog ukoll id-distinzjoni markata fejn f' ta' l-ewwel ghandek il-"motiv gustifikat" tar-redundancy mentri f' tat-tieni l-"kawza gusta" tal-licenzjament.**

(4) **… il-kompitu tatTribunal adit kien dak li jivverifika, u jaccerta ruhu wkoll, jekk it-tmiem ta' impjieg ta' l-appellata …, kienx tabilhaqq dovut ghal redundancy genwina a tenur tas-subartikolu (3), jew kienx qieghed dak l-istess motiv propost jimmaskera kaz ta' licenzjalment veru u proprju fil-parametru tas-subartikolu (14) ta' l-imsemmi artikolu;**

**(5) Il-Qorti tifhem illi fl-ambitu ta' din il-kontestazzjoni t-Tribunal kien jenhtieglu jinvesti l-elementi ta' fatt ottenibbli mill-process, kompriz dak tal-valutazzjoni tal-kondotta persegwita mill-partijiet. Jekk xejn biex jiddetermina jekk dawk il-fatti u dik il-kondotta jintegrawx l-estremi tal-kaz wiehed jew l-iehor;**

**(6) Tibqa' l-konsiderazzjoni illi, imbaghad, il-gudizzju hekk maghmul minn dak it-Tribunal mhux soggett ghas-sindakabilita` minn din il-Qorti jekk jirrizultalha li l-appell devolut lilha mhux irpozat fuq "punt ta' ligi". Verifika din, li dwarha jkollu jinghad li mhix dejjem facli, anke ghaliex il-problematika ma tistax tisfuggi l-attenzjoni ta' dak dedott f' gudizzju mill-konsiderazzjoni tal-parametri normattivi tal-ligi;**

Illi kif inghad ir-raguni moghtija mis-socjeta appellata sabiex tiggustifika l-motiv ta' *redundancy* kienet ir-rijorganizazzjoni taghha minhabba s-sitwazzjoni finanzjarja hazina li kienet ghaddejja minnha. Allura kienet din il-kwiestjoni li kellha tigi investigata mit-Tribunal sabiex imbaghad tqies jekk il-licenzjament ta'l-appellanti kenitx allura ingusta.

**"Ghazla bhal din, certament, tirrientra f' dik l-espressjoni tal-liberta` ta' l-inizzjattiva ekonomika adottata u dan, sa certu punt, ma setax jattira s-sindikabilita` tat-Tribunal dwarha. Maghdud dan, kien, pero`, jirrientra fil-funzjoni ta' l-istess Tribunal li dan jikkontrolla, permezz ta' l-apprezzament tal-provi, is-sussistenza reali ta' dik l-istess raguni adottata fil-konfront ta' l-appellata b' rizultat ta' dik l-ghazla."**

**Fuq din il-materja ta' redundancy jidher li l-kazistika tal-Qrati Inglizi stabbilit dawn il-linji gwida, u cjoe:- (a) was the employee dismissed? (b) if so, had the requirements of the business for employees to carry out work of a particular kind ceased or diminished (or were they expected to do so)? (c) if so, was the dismissal caused wholly or mainly by that state of affairs? Tissokta tirritjeni s-sentenza "Safeway Stores plc -vsBurrell" (1997), li minnha l-precitati kweziti ttiehdu, illi taht punt (b) l-elementi krucjali hu dak jekk verament kienx hemm tnaqqis fil-"business requirements" di fronte ghall-impjegat. Esplicitament, tesprimi, illi "in deciding that, tribunals should not introduce a 'contract' test whereby they just considered the specific tasks the applicant was**

**employed for". Illi wkoll f' din l-istess linja ta' hsieb issentenza "Shawkat -vs- Nottingham City Hospital NHS Trust", (2001), u ghal certu sens, mhux lanqas 'il boghod minnhom, id-decizjonijiet ta' din il-Qorti, kif presjeduta, fil-kawzi fl-ismijiet "Victoria Spiteri -vs- St. Catherine's High School" (18 ta' Ottubru, 2006) u "John Bartolo -vsInternational Machinery Limited", (9 ta' Mejju, 2007);**

**Issa, jkollu jinghad anke mir-ri-ezami tar-rizultanti istruttorji kondott minn din il-Qorti illi, ankorke l-aggravji jistghu, dato ma non concesso, jikkontjenu kwestjonijiet ta' natura guridika, b' danakollu mill-konstatazzjoni tal-qaghda konkreta jekk il-punt dedott fil-gudizzju quddiem it-Tribunal jikkostitwiex "motiv gustifikat" jew "raguni tajba u bizzejjed" ma jistax ma jitqieghedx, ghall-fatt ta' l-attendibilita` u apprezzament tal-provi, fuq il-pjan tal-gudizzju ta' fatt[2].**

Illi huwa dan il-gudizzju li ghamel it-Tribunal fid-decizjoni tieghu meta mill-kumpless tal-provi li kellu quddiemu irrizultalu illi il-motiv ta' *redundancy* moghti ghal-licenzjament ta'l-appellanti mill-post tax-xoghol taghha kien wiehed gustifikat u allura genwin. Allura l-appellanti m'ghandhiex ragun meta tqies illi it-Tribunal ma investiex il-kwistjoni dwar ir-*redundancy* imqajjma mis-socjeta appellata, fid-decizjoni impunjata, billi kien proprju dan il-punt li gie deciz. Issa jekk il-provi imressqa mis-socjeta appellata kenux sufficjenti sabiex it-Tribunal jasal ghal konkluzjoni illi tabilhaqq kienet mehtiega dina ir-rijorganizazzjoni allegata, hija gudizzju ta' fatt illi dina l-Qorti sfortunatament ma tistax tissindika. Il-Qorti tikkwalifika dina l-qaghda legali bhala wahda sfortunata billi id-dritt ghax-xoghol huwa jedd fundamentali tal-bniedem li ghandu jigi imhares u kwindi l-limitazzjoni imposta fuq dina l-qorti ta' revizjoni milli tissindika gudizzju ta' fatt, huwa wiehed li jista' ikun fatali ghal-haddiem li ikun tilef l-ghejxien tieghu mil-post tax-xoghol. F'dan il-kaz din il-Qorti jidhrilha illi s-socjeta appellata ma ressqitx provi sodisfacjenti illi fil-fatt dan kien il-kaz, li allura jiggustifika il-licenzjament maghmul minnhom ta'l-

---

[2] Alessandra sive Sandra Theuma vs Alfred Mangion et. App. Inf – 23/05/2008

appellanti, izda kif inghad din il-Qorti ser tieqaf hawn ghaliex hija prekluza milli tikkritika id-decizjoni appellata minn dan l-aspett.

Illi allura anke il-konkluzjoni raggunta mit-Tribunal illi l-appellanti kienet l-uniku haddiema impjegat fil-klassi ta' impjieg taghha bhala *Deputy Editor* u *Features Editor*, u li allura s-socjeta applikat korretement il-principju imfassal fl-artikolu 36(3) tal-Kapitolu 452 huwa bl-istess mod insindikabbli. Ragjonament dan u gudizzju ta' fatt li ma jistax jigi issindikat minn din il-qorti ta' revizjoni billi t-Tribunal, fuq il-fatti esposti quddiemu ghamel applikazzjoni korretta tal-principji tad-dritt in materja. Dan ghaliex principal ghandu il-jedd inaqqas mill-workforce tieghu meta jigi biex jaghmel xi forma ta' rijorganizazzjoni izda dejjem b'rispett lejn id-dritt f'materja ta' licenjzament fuq bazi ta' redundancy. Illi kif imfassal fl-artikolu 1(2) tar-Redundancy Payments 1965 Act Ingliza li taghti definizzjoni tal-kuncett ta' redundancy:–

**"For the purposes of this Act, an employee who is dismissed shall be taken to have been dismissed by reason of redundancy if the dismissal is attributable wholly or mainly to:–**

**(a) the fact that his employer has ceased, or intends to cease, to carry on the business for the purposes of which the employee was employed by him, or has ceased, or intends to cease, to carry on that business in the place where the employee was so employed, or**

**(b) the fact that the requirements of that business for employees to carry out work of a particular kind, or for employees to carry out work of a particular kind in the place where he was so employed, have ceased or diminished or are expected to cease or diminish."**

Illi l-interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni tal-ligi b'referenza partikolari ghas-sub-inciz (b) ta'l-artikolu tal-ligi iccitat inghata fid-decizjoni moghtija mill-House of Lords Ingliza fil-kaz Murray vs Foyle Meats Limited fejn inghad illi:

**“The key word in the statute is "attributable" and there is no reason in law why the dismissal of an employee should not be attributable to a diminution in the employer's need for employees irrespective of the terms of his contract or the function which he performed. Of course the dismissal of an employee who could perfectly well have been redeployed or who was doing work unaffected by the fall in demand may require some explanation to establish the necessary causal connection. But this is a question of fact, not law.”** (sottolinjar tal-Qorti)

Illi allura l-gudizzju milhuq mit-Tribunal illi r-rijorganizazzjoni tal-kumpanija appellata kien tali illi l-htiega ghal kariga okkupata minn impjegat wiehed bhal dik li kienet tokkupa l-appellanti bhala Deputy Editor u Features Editor kien intemm u li allura ix-xoghol taghha seta’ jigi assorbit minn impjegati ohra mal-kumpanija li kienu jokkupaw karigi differenti minnha, kien gudizzju ta’ fatt mhux sindikabbli f’dan l-istadju, kif lanqas ma huwa sindikabbli l-ezercizzju maghmul mit-Tribunal dwar l-applikazzjoni tal-principju tal-last in first out meta qies illi dan gie applikat mill-fatti kif esposti quddiemu.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u is-sentenza appellata ikkonfermata. L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-appellanti.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur